# iż-Żejtun

FULJETT PARROKKJALI Frar / Marzu 1995 Nru.52



## Żmien ir-Randan:

### Il-Mulej Jurini t-Triq,
### Itini Opportunita' Sabiħa, fl- Eżerċizzi:
### Mhux aħjar nieħu l-okkażjoni?

**kelma żgħira** - *mill-Arċipriet:*

***Wara ġurnata xogħol fil-parroċċa, xorta waħda nħossni li għamilt ftit. Imma dan ma jinkwetanix ħafna għax billi ż-Żejtun fih ħafna nies u huwa mxerred, tagħmel kemm tagħmel qatt mhu biżżejjed.***

***Mill-ewwel tas-sena lil hawn ma kellniex aktar magħna lil Fr Tony, u allura ħafna mix-xogħol li kien jagħmel hu żdied ma li kelli nagħmel qabel. Dan mhux jaqtagħli qalbi għax naf li fil-ħidma tas-saċerdot il-biċċa l-kbira tal-ġid jagħmlu Ġesu'. Il-Knisja hi ta' Ġesu', is-saċerdot huwa ta' Ġesu, in-nies huma ta' Ġesu'.***

***B'din il-konvinzjoni ġo qalbi nista' nkun xi ftit is-saċerdot għalikom. Ma' xi wħud niltaqa' sikwit, ma oħrajn niltaqa' darba kultant; imma lkoll tinsabu f'qalbi u fit-talb tiegħi. F'kull ġurnata jkolli nagħmel daqsxejn minn kollox: quddies, qrar, nilqa' n-nies fl-uffiċċju, nipprepara l-għarajjes, nisma' xi problema, inżur xi familja, laqgħat ma' kummissjonijiet u kumitati, laqgħat maż-żgħażagħ u kbar, nara kif qed issir id-duttrina, nieħu ħsieb il-manutensjoni tal-knejjes u bini ieħor, inżomm kuntatt mal-kurja eċċ. Ikun hemm min jistaqsini kif inlaħħaq, u jiena dejjem inwieġeb li ma nlaħħaqx, għalkemm jiddispjaċini li jirnexxilix naqdi lil kulħadd. Taf meta ninkwieta? Meta naħdem ħafna u nitlob ftit! Għax dan ikun ifisser li m'inix nafda tassew li kollox huwa ta' Ġesu'. Kif nista' nkun saċerdot tajjeb jekk kuljum ma ngħaddix ħin nitkellem ma' Alla ħalli meta nkun man-nies ngħaddilhom l-imħabba tiegħu?***

***Dan kollu nixtieqkom tifhmuh ukoll għas-saċerdoti l-oħra li ilhom snin twal iservukom f'din il-paroċċa. It-tajjeb li kull wieħed wettaq ġej mill-għaqda tiegħu ma' Ġesu'. Fl-istess ħin aħna mimlijin miżerja u għalhekk għandna bżonn ħafna tat-talb tagħkom biex inżommu sħaħ fir-rieda ta' Alla.***

***Dun Karm Farrugia***

# 44

*Daqshekk se jsiru żwiġijiet bejn Mejju u Awissu ta' din is-sena li fihom se jkun hemm żgħażagħ miż-Żejtun. Fi ħdax-il żwieġ l-għarajjes huma t-tnejn miż-Żejtun. Fl-oħrajn hemm jew l-għarus(14), jew l-għarusa(19) miż-Żejtun.*

*Madwar sitt xhur qabel jiżżewġu, l-għarajjes li huma miż-Żejtun iltaqgħu ma' l-Arċipriet u l-oħrajn mal-kappillan fejn jgħixu. Kull wieħed u waħda setgħu jitkellmu dwar xi affarijiet importanti u anke dwar xi problemi.*

*Fiż-17 u fl-24 ta' Frar dawn il-koppji kollha iltaqgħu fiċ-Ċentru Parrokkjali u bl-għajnuna ta' Fr Joe Abela u xi koppji miżżewġin irrevedew diversi taqsimiet tat-twemmin nisrani u kif dan jolqot il-ħajja tagħhom bħala koppja. Il-Ħadd 19 ta' Marzu fid-9.00 a.m. se jkollhom quddiesa fil-Knisja Parrokkjali biex flimkien mal-komunta' tal-parroċċa jirringrazzjaw lil Alla u jitolbuh l-għajnuna li jeħtieġu għall-ħajja taż-żwieġ li se jibdew ftit ġimgħat wara.*

*Nixtiequ nawguraw lil dawn iż-żgħażagħ li għamlu ħilithom biex jiskopru aħjar x'ifisser is-sagrament taż-żwieġ.*

*IR-RANDAN BIS-SENS*

Hawn min isum nhar ta' Ġimgħa jew f'xi ġurnata oħra, hawn min ma jikolx laħam, hawn min ma jieħux ħelu. Hawn min jiċċaħħad mit-T.V. jew iżid fit-talb, jew jaqra biċċa mill-Bibbja kuljum. Hawn min imur iżur xi marid, jew jistinka biex jisma' l-quddiesa kuljum.

Dan kolu jagħmel sens jekk inseħbuħ ma' għotjiet ta' Karita'. Għal din is-sena qed nissuġġerixxu li dak li niffrankaw mill-penitenzi nagħtuħ għall-programm ta' fejqan mid-droga li tmexxi l-Caritas f'San Blas. Dawn iż-żgħażagħ għandhom bżonn l-għajnuna tiegħek biex jergħu isibu skop għal ħajjithom. Tista' titfa l-offerta tiegħek fil-kaxxi li hemm ħdejn l-altari fil-Knisja Parrokkjali.

# Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali

Mal-bidu tas-sena l-ġdida fil-Parroċċa tagħna beda jaħdem Kunsill Pastorali Parrokkjali ġdid. Dan il-Kunsill huwa maħtur għas-sentejn li ġejjin, u jiltaqgħa darba fix-xahar biex jagħti pariri u jwettaq ħidmiet fil-Parroċċa.

Il-kunsill huwa magħmul prinċipalment mid-delegati ta' l-għaqdiet li jinsabu fil-parroċċa tagħna, u minn numru żgħir ta' nies maħtura mill-Arċipriet,madwar 24 ruħ, li magħhom irridu nżidu wkoll il-qassisn tal-Parroċċa,patri mill-komunita' tal-Ġiżwiti, u sorijiet mill-komunitajiet taż-Zejtun.

Fiż-Żejtun il-popolazjoni hija waħda pjuttost kbira, u mferrxa fuq medda art mhux ħazin. Għalhekk il-Parroċċa għandna dawk li jissejħu 'Zoni Pastorali'; dik ta' San Girgor, ta' San Klement u dik tal-Madonna tal-Ħniena. Dawn ukoll għandhom ir-rappreżentanti tagħhom fuq il-kunsill.

Il-membri jiddiskutu il-problemi li l-parruċċani ta' dan ir-raħal jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Jiddiskutu wkoll kif it-tagħlim nisrani jista' jilħaq dejjem aktar lin-nies tal-Parroċċa. It-tagħlim fil-ħajja tal-bniedem huwa meħtieġ u importanti. Għandna kontinwament hemm il-bżonn li nkunu nafu tajjeb fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħajja nisranija tagħna. Kien għal dan il-għan li fl-ewwel laqgħa tiegħu l-kunsill iddeċieda li t-talb li kien isir qabel kull laqgħa jibda jkun pubbliku. Billi l-kunsill jiltaqgħa kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, wara l-quddiesa ta' filgħaxija ssir nofs siegħa adorazzjoni fil-Knisja Parrokkjali, li fiha jieħdu sehem ukoll il-membri tal-kunsill.

Fil-laqgħa ta Jannar 1995 ġew eletti l-moderatur tal-laqgħat li huwa Mr John Spiteri, u s-Segretarja li hi Miss Claire Saliba. Huma aċċettaw li jagħtu dan is-servizz volontarju għas-sentejn li ġejjin. Flimkien ma' l-Arċipriet huma jiffurmaw l-eżekuttiv u jiltaqgħu aktar sikwit biex iħejju l-laqgħat u jaraw li l-ħidmiet ikunu qed jitwettqu kif jixraq.

## 19 ta'Marzu - San Ġużepp



F' dan il-jum niċċelebraw il-festa ta' San Ġużepp, magħruf aħjar bħala "Il-Qaddis maħbub minn Alla u mill-bnedmin". Fil-Vangelu insibu li l-Anġlu tal-Mulej isejjaħlu: "Ġużeppi bin David", titlu li ma kien iffisser ebda għana, tant li waqt il-preżentazzjoni ta' Gesu' insibu li offra biss par gamimiet, li kien iffisser li kien wieħed mill-ifqar Lhud.

San Ġużepp kien bniedem twajjeb u qaddis. Kien ukoll ubbidjenti, bħal meta permezz ta'Anglu Alla qallu biex ma jibżax jieħu lil Marija b' martu għax kien se jkollha iben. Kien ukoll missier mill-aqwa: fi ħdan il-familja Mqaddsa taħt għajnejn San Ġużepp Ġesu' "baqa jikber fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja" (Lq.2,52)

# Missjoni Ġdida Għal Fr.Tony.

Niftakar dak li ġara sitt snin u nofs ilu meta sirt qassis. Kont ili ħafna nitlob u nipprepara ruħi sabiex dak inhar tal-Ordinazzjoni saċerdotali tiegħi inkun naf sewwa x'inhu jsir. Tlabt ħafna lill-Ispirtu s-Santu biex jinżel fija, jibdilni u jikkonsagrani għalih. Xtaqt li nkun ta' Ġesu' biss! Ma kinetx funzjoni twila ħafna. B'kollox konna ħmistax li sirna saċerdoti dakinhar.

Il-funzjoni kollha tal-Ordinazzjoni hija sabiħa ħafna. Imma wieħed mill-aktar mumenti li kellu tifsira profonda għalija kien meta l-isqof sejjaħli għarkubbtejja quddiemu, ħadli idejja t-tnejn, ħares f'għajnejja u qalli, "Twiegħed ubbidjenza lili u lis-suċċessuri tiegħi". U jiena għidtlu "Iva inwiegħed".

Kont tgħallimt li l-Arċisqof huwa s-superjur tiegħi u dak li jgħidli biex nagħmel hu, huwa dak li jrid minni Ġesu'. Dak il-ħin li għidt iva lill-isqof tiegħi jien ħassejt li kont qed ngħidha lil Alla stess. Għidt bejni u bejn ruħi, "Min jaf fejn se twassalni din l-iva li għidt". Ma kontx naf x'se jsir minni. Imma xorta wiegħedt lill-Arċisqof li nobdih f'kull ħaġa li jgħidli. Dik kienet il-volonta' t'Alla għalija.

Ftit wara li kellna l-ordinazzjoni, Mons. Arċisqof bagħat għalija u qalli li kellu bżonn li jiena mmur iż-Żejtun bħala viċi. Qalli li Dun Trevor kien se jispiċċa u li jien kelli nieħu postu. Qalli wkoll li n-nies taż-Żejtun ikunu jħobbuni. U naħseb li kellu raġun mija fil-mija.



Issa ftit taż-żmien ilu, reġa' għajjatli Mons. Arċisqof u qalli biex immur Kappillan Wied il-Għajn. Dak il-ħin ħassejt ħafna diffikultajiet. Imma ftakart f'dik il-wegħda li kont għamiltlu dak inhar li sirt saċerdot u kelli idi f'idejh. "Iva rrid nobdi lilek u lis-suċċessuri tiegħek". Jien aċċettajt li nagħmel dak li Alla jrid minni. Ma kinetx faċli għalija. Kont drajt iż-Żejtun u kont drajt ħafna lin-nies. Kont ili sitt snin u nofs magħkom. Imma dik kienet il-volonta' t'Alla. Meta kont fostkom, min jaf kemm għidtilkom li nagħmlu l-volonta' t'Alla. Issa kien wasal iż-żmien għalija li jiena wkoll nagħmel dak li Alla kien qed isejjaħli għalih.

Għadni ma nafx x'se tkun tfisser għalija din l-iva li għidt. Għadni ma nafx fejn se twassalni u x'se titlob minni. Imma nemmen li Ġesu' li sejjaħli biex inkun tiegħu jibqa' dejjem ħdejja jdawwalni u jgħinni biex nibqa' nressaq aktar nies lejh. Din l-iva għidtha b'fiduċja sħiħa f'Ġesu'.

Għeżież Żwieten. Grazzi u grazzi ħafna! Għalkemm Alla jrid jinqeda bina s-saċerdoti biex jasal għandkom, ippruvaw fittxu lilu u mhux lill-persuna. Itolbu biex Ġesu isejjaħ lil uliedkom ħalli jaqduh fis-saċerdozju. Nitlob ħafna għalikom u nixtieqkom li titolbu għalija wkoll.

*Fr. Tony Cassar*

# Eżerċizzi 1995

## Fil-Knisja Parrokkjali

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għall-miżżewġin | 6 - 10 ta'Marzu | 7.00 p.m. | Dun Joe Meli. |
| Għal kulħadd | 27 - 31 ta'Marzu | 9.00 a.m. | Dun Manuel Caruana. |
| Għal kulħadd | 27 - 31 ta'Marzu | 7.00 p.m. | Dun Tancred Sultana. |

## Fl-Oratorju

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għall-għarajjes | 20 - 24 ta'Marzu | 7.45 p.m. | Dun Charles Gauci |

## Fis-Sala Parrokkjali

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għaż-Żgħażagħ | 27 - 31 ta'Marzu | 7.30 p.m. | P.Marcello Girlando. |

## Knisja San Girgor

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għall-Miżżewġin | 13 - 18 ta'Marzu | 7.00 p.m. | |
| Għal kulħadd | 20 - 24 ta'Marzu | 7.00 p.m. | P.D. Guzman. |

## Knisja tal-Ħniena

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għal kulħadd | 13 - 18 ta'Marzu | 7.00 p.m. | Dun Salv. Galea. |
| Għall-miżżewġin | 20 - 24 ta'Marzu | 7.00 p.m. | Dun Ang. Seychell. |

## Knisja San Klement

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għal kulħadd | 13 - 18 ta'Marzu | 6.00 p.m. | Dun Salv. Galea. |

## Knisja Santa Marija Ħal-Tmin

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għal kulħadd | 20 - 24 ta'Marzu | 6.00 p.m. | P. D. Guzman. |

## Rasir-RANDAN u Pellegrinaġġ tar-REDENTUR

***L-Erbgħa l-1 ta' Marzu 1995***

**Nagħtu bidu għal dan iż-żmien qaddis ta' talb, indiema minn dnubietna, ċaħda tagħna nfusna, u smiegħ tal-Kelma ta' Alla. Matul dawn l-erbgħin jum inħejju ruħna għall-Għid il-Kbir.**

***Din is-sena l-Pellegrinaġġ tar-REDENTUR se jsir ukoll f'Ras ir-Randan:***

**5.00 p.m. Qrar** fil-Knisja Parrokkjali. Fl-istess ħin ikun hemm il-Via Sagra.

**6.00 p.m. Pellegrinaġġ** bl-istatwa tar-Redentur li tgħaddi minn Triq Santa Marija, Misraħ S.Marija, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Triq Lorenzo Gafa', Triq John Borg, Triq S. Ġwann, Triq San Pawl, u lura għall-Knisja.

**7.00 p.m. Quddiesa** bit-tqegħid ta' l-irmied.

Rokna għat-tfal

# Iċ-Ċkejken u l-Miraklu

Ġona, tifel żgħir, b'ilbies ħafif u kkulurit qagħad bil-paċenzja kollha jistenna l-ommu tkebbiblu ħames ħobżiet żgħar u żewġ ħutiet ġol-basket taċ-ċarruta. "Mur u ħu pjaċir, qatt tagħmila ta' prużuntuż, ara ma tweġġax, wara li tiekol tħalliex il-basket warajk", qaltlu ommu x'ħin waslitu sal-bieb.

Wara li mexa biċċa mhux ħażin, wasal ħdejn nixxiegħa fejn is-soltu kien jiltaqgħa ma' sħabu. Intefa' bil-qedgħa ħdejn l-ilma u qad iwaddab il-ġebel sabiex jgħaddi il-ħin. Billi ħadd minn sħabu ma' tfaċċa beda miexi bil-mod il-mod mal-ġenb tan-nixxiegħa li kienet tieħu lejn l-għadira. Hemmhekk zġur li kien isib xi kumpanija. Hu u sħabu kemm il-darba kienu jmorru jgħinu lis-sajjieda, u dawn kienu saru ħbieb magħhom. Kienu jispjegawlhom kif issewwu x-xbiek, kif ilestu il-qfief biex fihom ipoġġu il-ħut, u kif ilestu l-għalf biex bih jistadu.

Ġona kien għoddu wasal ħdejn l-ilma, imma llum donnu kien hemm xi ħaġa differenti mis-soltu. Fuq ix-xatt ma kien hemm ħadd ħlief għasafar ipespsu. Ġona skanta u beda iħares l-hawn u l-hin biex forsi jilmaħ lil xi ħadd. Fuq l-għolja ta' biswitu lemaħ bħal geġwiġija ta' nies kollha jħarsu lejn il-quċċata. Hemmhekk kien hemm raġel, twil, sabiħ, bid-daqna, li kien qed ikellem lill-folla li kellu quddiemu.Kulħadd kien attent jisma' dak li kien qed jgħidilhom. Kien qed jitkellem fuq is-saltna tas-sema. Ġona fehem li dan hu post sabiħ biex tmur fih, imma biex jirnexxilek kien hemm bżonn li tkun bniedem tajjeb, li tħobb lill-proxxmu tiegħek, anke jekk dan mhux dejjem ikun ħelu miegħek. Ġesu' kien qed jgħid li s-saltna tas-sema tixbah lil perla sabiħa li dak ir-raġel li ried jakkwistha, kellu ibiegħ kollox sabiex jixtriha.

Sabiex ikun jista jisma' tajjeb Ġona kien kważi wasal sa ħdejn Gesu'. Meta l-Imgħallem waqaf, dar fuq ta' ħdejh u qallhom li l-folla kienet bil-ġuħ u kellhom bżonn jitemgħuhom, wieħed mill-irġiel beda jidħaq u qallu li dak il-ħin il-ħwienet kollha kienu magħluqa u huma ma kellhomx biżżejjed flus biex jixtru għal kulħadd. Ġona ġebbed il-libsa ta' wieħed mill-irġiel u qallu li jekk irid Ġesu' setgħa jieħu l-ikel tiegħu. L-irġiel kollha bdew jidħqu imma Ġesu' tbissimlu, għolla ħarstu lejn is-sema u talab fuq dak il-ftit ikel. Ġesu' ħa l-ħobz qassmu u tah lill-ħbieb tiegħu u ikkmandhom biex iqassmuh lil kulħadd. Kielu u xebgħu u wara ġabru tnax il-basket mill-biċċiet li kien fadal.

Ġona wkoll kiel il-ħobz u l-ħut, ferħan se itir li Ġesu' kien għażel l-ikel tiegħu sabiex jagħmel miraklu hekk kbir.



# Mary se tiżżewweġ bil-Knisja!

**Ġanna:** *"Għalfejn dan l-għaġeb kollu biex tiżżewġu. Meta żżewwiġt jien ma kellniex u la kors ta' Kana u lanqas dal-ħafna ġiri minn hemm għal hawn. Mort m'Ommi għand l-Arċipriet biex jgħamilli l-eżami, u dak qagħad jistaqsini l-Kredu u s-Salve Regina. Imbagħad ħażżiżli ftit karti u suq għax sebaħ. Dak inhar tat-tieġ qomna kmieni u mort il-knisja ma' missieri w Ommi u x-xhud. Hemm sibna l-għarus max-xhud l-ieħor jistennew. Dħalna fil-knisja, il-qassis beda jgedwed bil-Latin u mbagħad għedna s-'signor si', ilbisna ċ-ċrieket tal-kunsens u qagħadna l-knisja għall-quddiesa tat-tmienja."*

**Mary:** *"Imma żi, issa l-affarijiet m'għadhomx bħal ta' dari. Illum tgħallimna l-iskola, u ftaħna moħħna aktar."*

**Ġanna:** *"Ma tridx tgħidli li aħna konna moħħna magħluq hux?"*

**Mary:** *"U le żi. Irrid ngħidlek li daż-żmien biex tiżżewweġ sew trid tistinka ħafna, u anke titgħallem ħafna."*

**Ġanna:** *"Daż-żgur, għax illum moħħkom fil-fanfarunati. Moħħkom biex tiddevertu, taħdmu daqs il-klieb biex tfaddlu ħalli tagħmlu tieġ tas-sinjuri. Il-bqija tieħdu kollox biċ-ċajt u meta jiġi l-gwaj tibżgħu minn dellkom. Mur ġib in-nanna tara dawn l-affarijiet?"*

***Mary:*** *"Veru li hawn min jieħu l-affarijeit biċ-ċajt, u hawn min jiżbalja wkoll. Għalhekk għidtlek li ż-żmien tbiddel. Xtaqtek ġejt ftit meta konna qed nagħmlu l-kors ta' Kana, ħalli tara dawk l-għarajjes kollha mħeġġin biex jiskopru flimkien kif jgħixu żwieġ nisrani sew. Imbagħad xi ngħidu għal dawk il-miżżewġin; dik paċenzja bina. L-għarus tant ħa pjaċir jitgħallem li qalli li 'l quddiem aħna wkoll nibdew ngħinu l-għarajjes iżgħar minna."*

**Ġanna:** *"Allura x'inhuma jgħidu li l-Arċipriet reġa bagħat għalikom? Mela ma jafx li tridu tlestu l-post?"*

**Mary:** *"U mela ma jafx. Meta ltqajna miegħu xi sitt xhur qabel iż-żwieġ konna għajjenin imma ħadna gost nitkellmu fuq iż-żwieġ tagħna. Xi grazzja għandna li se niżżewġu bil-Knisja. Taf li barra li se nagħtu kelma ta' mħabba lil xulxin għal dejjem se nkunu qed nagħmlu din il-wegħda lil Alla wkoll? Issa għandna żewġ laqgħat oħra biex nerġgħu niftakru l-affarijiet tal-fidi nisranija, u wara se jagħmlulna quddiesa flimkien biex nitolbu l-għajnuna ta' Alla u nġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija."*



**Ġanna:** *"Tgħid xejn, forsi tisimgħu quddiesa bħan nies daqskemm intom berdin daż-żmien!*

**Mary:** *"Wara dan jgħidilna meta morru nieħdu l-ġurament u jagħtina l-karti għall-kurja. Allura; ftit ġiri ieħor ma li għandna, imma dan ma jdejjaqnix għax issa naf li hawn min qed jieħu ħsiebi aktar biex meta niżżewweġ inkun tajba għall-bnażżi u għall-maltemp."*

**Ġanna:** *"Qed ngħid kemm sirt taf tippriedka' kif ma dħaltx soru? Tiħux għalik taf. Bħalissa qed ngħir għalik u għal sħabek għax għalkemm kont dejjem kuntenta b'Żeppi tiegħi - Alla jaħfirlu, imma aħna qatt ma kellna ċans nitgħallmu dawn l-affarijiet kollha. Għandek tgħid hawn dal-ħażen kollu mas-saqajn u Alla jipprovdi dal-ġid kollu lil min irid jiżżewweġ sew. Isma' bilħaqq, meta tkun tista' ejja aqrali biċċa minn dak il-ktieb li kont qed taqra ma' l-għarus il-bieraħ filgħaxija. Kemm kontu ħelwin....qiskom ta' l-istampi!*

# Kors ta' Kana għall-Għarajjes

Jibda l-Ġimgħa 21 ta' April 1995
Fis- 7.00 p.m. fiċ-Ċentru Parrokkjali, Żejtun.
Il-Laqgħat se jsiru fi gruppi ta' għarajjes flimkien ma' koppji miżżewġa.

**L-Għarajjes li jixtiequ jieħdu sehem huma mitluba jimlew il-formola li jsibu fl-Uffiċċju Parrokkjali mill-20 ta' Marzu sal-14 ta'April 1995.**

# Kompetizzjoni

## għat-Tfal bejn id-9 u 12-il sena

Ir-rebbieħ jitħabbar fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett u jieħu rigal.

***Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq biċċa karta:***

***1. a) Kemm-il statwa fiha l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira taż-Żejtun?***

***2. a) Kemm hemm kwadri tal-Via Sagra fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun?***
***b) Semmi fil-qosor x'inhi x-xena li tidher fl-ewwel u fl-aħħar kwadru.***

***3. Ikteb x'inhuma l-ħames misteri tat-tbatija meta ngħidu r-rużarju.***

***4. Ikteb ismek, l-indirizz, kemm għandek żmien u xi klassi qiegħed l-iskola,u ibgħat kollox f'envelope magħluq mhux aktar tard mil-15 ta' Marzu lill- Editur Fuljett "Iż-Żejtun"***
***Uffiċċju Parrokkjali***
***Triq San Girgor, Żejtun, ZTN04.***

## Għal min se jilbes jew jerfa' fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mhix biss wirja ta' lbiesi u statwi sbieħ. Hija fuq kollox wirja ta' fidi u mħabba lejn Ġesu', is-Salvatur tagħna. Kull min jieħu sehem irid jipprepara lilu nnifsu matul ir-Randan kollu. Għalhekk nistiednu lir-reffiegħa, dawk li jilbsu ta' suldati u personaġġi, dawk li jagħmlu forċina, lit-tfal lil tad-drums u buglers, u anke lill-bandisti biex jieħdu sehem:

1. Fil-Pellegrinaġġ tar-Redentur u l-quddiesa ta' wara fl-1 ta' Marzu.
2. Fl-Eżerċizzi tar-Randan (ara l-programm f'paġna 5).
3. Fil-quddiesa kull nhar ta' Ħadd matul ir-Randan u f'Ħamis ix-xirka.
4. Fil-purċissjoni tad-Duluri u fil-quddiesa nhar is-7 t'April.